# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa u Għoxrin (24) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 453/2015 FDP**

Fl-ismijiet

**Malsand Construction Limited**
**(C 33860)**

**Vs**

**Lay Lay Company Limited**
**(C 4534)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' Mejju 2015, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet is-segwenti:

   ***A. Dikjarazzjoni tal-fatti***

   *1. Illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet ngaġġata mis-soċjeta' intimata sabiex teżegwixxi għan-nom tagħha xogħolijiet ta' appalt, interalia ta' bini u kostruzzjoni f'diversi postijiet f'Malta, fosthom ukoll ġewwa "Toledo Stables', Triq it-Tiġrija, Marsa.*

   *2. Illi s-soċjeta' ntimata għanda in konnessjoni ma' tali xogħolijiet esegwiti fil-Marsa, tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma kumplessiva ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000) u dana bla preġudizzju għal ammonti oħra verjuri dovuti lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' intimata in konnessjoni mal-istess xogħolijiet esegwiti fil-Marsa, u li dwarhom għadu ma ntlaħaqx ftehim.*

*3. Illi s-soċjeta' intimata ġiet diversi drabi interpellata sabiex tħallas dan l-ammont hawn fuq mitlub, iżda baqgħet inadempjenti.*

*4. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' Alexander Abela għan-nom u rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti.*

***B. Raġuni għat-Talbiet f' dawn il-proċeduri***

*5. Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex is-soċjeta' intimata tkun ordnata tħallas l-ammont hawn fuq imsemmi minnha dovut lis-soċjeta' rikorrenti flimkien mal-imgħax legali sal-pagament effettiv.*

***C. Talbiet tas-soċjeta' rikorrenti***

*Għaldaqstant s-soċjeta' attriċi in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1. *Tiddikjara li s-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma kumplessiva ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000) u dana in lenia ta' parti minn kuntratt ta' appalt konsistenti prinċiparjament f'xogħolijiet ta' kostruzzioni esegwiti għall-benefiċċju tas-soċjeta' intimata u fuq inkarigu tagħha stess ġewwa 'Toledo Stables', Triq it-Tiġrija, l-Marsa.*

2. *Tiddikjara illi l-imsemmija somma ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000) issa hija dovuta lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' intimata, u dana flimkien mal-imgħax dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali tat-18 ta' Novembru 2014 sal-pagament effettiv.*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma hawn fuq imsemmija ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000) flimkien mal-imgħax dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali tat-18 ta' Novembru 2014 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali datata 18 ta' Novembru 2014, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra uffiċċjali kontra s-soċjeta' intimata li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni, u dana wkoll b' riserva għall-ammonti oħra verjuri dovuti lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' intimata in konnessjoni mal-istess xogħolijiet li saru f' 'Toledo Stables', Triq it-Tiġrija Marsa, w li dwarhom għad ma ntlaħaq ftehim bejn l-kontendenti.*

2. Rat illi, fid-9 ta' Ġunju 2015 is-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet s-segwenti difiża:

   1. *It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

   2. *L-eċċepjenti ma għandha tagħti xejn lis-soċjeta' attriċi.*

3. *Kontra dak li tgħid l-attriċi fuq ix-xogħlijiet fi Triq it-Tiġrija, l-Marsa, bejn ħlasijiet fi flus, u materjal provdut minnha, l-eċċepjenti ħallset lill-attriċi aktar mill-prezz finali dovut.*

4. *Kif tgħid l-attriċi stess, hija għamlet diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq inkarigu tal-esponenti, f'diversi postijiet f'Malta. L-eċċepjenti ħallset għas-saldu il-prezz dovut għax-xogħlijiet kollha eżegwiti mill-attriċi, skond kontijiet finali maħruġa mill-periti inkarigat u bi qbil mal-attriċi stess. L-eċċepjenti mhux tali ma għandha tagħti xejn lill-attriċi, talli għamlet ħlasijiet żejda li l-attriċi, permezz ta' dan l-att ġudizzjarju, qiegħda tiġi interpellata sabiex tirrifondi lura. Inoltre l-attriċi għad fadlilha tagħmel xogħolijiet rimedjali f'postijiet fejn għamlet xogħol ħażin jew difettuż.*

5. *Għaldaqstant din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.*

3. Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2021, is-soċjeta' intimata ressqet eċċezzjonijiet ulterjuri u qajjmet is-segwenti difiża u dan in segwitu ta' digriet mogħti minn dina l-Qorti fis-6 ta' Ottubru 2021:

   *"Illi t-talbiet u l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi, kemm kif jirriżultaw fl-att promutur tagħha, kif jirriżultaw fil-kors tal-kawża, huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148 (a), 2149 u 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili".*

4. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

## Provi

5. Rat in-nota ppreżentata mis-soċjeta' attriċi fit-3 ta' Novembru 2015 (fol 23) u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 24-125).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Redina Abela**, mogħtija fit-3 ta' Marzu 2016 (fol 134-135).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Michael Axisa,** mogħtija fit-3 ta' Marzu 2016 (fol 136-137).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Michael Axisa**, mogħtija fit-8 ta' Marzu 2016 (fol 141-142) u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnu (fol 143-196).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Sander Abela**, mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2016 (fol 202-204) u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnu (fol 205-208).

10. Rat in-nota ppreżentata mis-soċjeta' attriċi fis-26 ta' Jannar 2017 (fol 211) u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 212-223).

11. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Michael Falzon**, mogħtija fis-7 ta' Marzu 2017 (fol 229-231).

12. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Ian Cutajar**, mogħtija fis-7 ta' Marzu 2017 (fol 232- 233).

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Raymond Ishmael**, mogħtija fit-2 ta' Mejju 2017 (fol 235-236).

14. Semgħet ix-xhieda ta' **Sander Abela**, mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2017 (fol 238-239).

15. Semgħet ix-xhieda ta' **Pawlu Vella**, mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2017 (fol 244-245) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 246-248).

16. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Michael Falzon**, mogħtija fit-22 ta' Frar 2018 (fol 254-255) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 256-349).

17. Rat l-affidavit ta' **Sander Abela**, ppreżentat fid-29 ta' Marzu 2019 (fol 356-357) u rat id-dokumentazzjoni annessa miegħu (fol 358-359).

18. Semgħet ix-xhieda ta' **Malcolm Abela**, mogħtija fil-21 ta' Novembru 2019 (fol 366-370).

19. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Michael Falzon**, mogħtija fit-13 ta' Frar 2020 (fol 374-381).

20. Semgħet ix-xhieda ta' **Alexander Abela**, mogħtija fit-12 ta' Jannar 2021 (fol 391-395) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 395-403).

21. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Michael Falzon**, mogħtija fit-12 ta' Jannar 2021 (fol 404-406) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 407).

22. Rat l-affidavit ta' **Sander Abela**, ppreżentat fid-9 ta' Ġunju 2021 (fol 413-414) u rat id-dokumentazzjoni annessa miegħu (fol 415-418).

23. Rat illi fis-seduta tas-19 ta' Ottubru 2021, il-provi tas-soċjeta' rikorrenti ġew magħluqa u l-kawża marret għall-provi tas-soċjeta' intimata.

24. Rat l-affidavit ta' **Michael Axisa**, ppreżentat fil-25 ta' Mejju 2022 (fol 429-430) u rat id-dokumentazzjoni annessa miegħu (fol 431-440).

25. Rat l-affidavit ta' **Redina Abela**, ppreżentat fit-13 ta' Ġunju 2022 (fol 443-444).

26. Semgħet ix-xhieda ta' **Michael Axisa** in kontro-eżami, mogħtija fil-25 ta' April 2023 (fol 450-456 et seq).

27. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' April 2023 il-provi ġew magħluqa u l-kawża marret għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

28. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fis-26 ta' Settembru 2023 (fol 458-466).

29. Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2023 il-kawża marret għas-sottomissjonijiet finali tas-soċjeta' intimata.

30. Rat illi s-soċjeta' intimata ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fl-4 ta' April 2024 (fol 470-476).

31. Rat illi fis-seduta tal-5 ta' April 2024 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

32. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ġiet ingaġġata mis-soċjeta' intimata sabiex teżegiwixxi, għan-nom tagħha, xogħlijiet ta' kostruzzjoni b'appalt f'diversi postijiet fosthom ġewwa 'Toledo Stables', fi Triq it-Tiġrija, Marsa.

33. Jirriżulta illi għal dak li għandu x'jaqsam ma' xogħlijiet eżegwiti mis-soċjeta' rikorrenti ġewwa 'Toledo Stables', fil-Marsa, l-istess soċjetà rikorrenti qiegħda tallega illi hija għad fadallha titħallas mingħand is-soċjeta' konvenuta s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) u dana bla preġudizzju għall-ammonti oħra verjuri dovuti lis-soċjeta' rikorrenti mis-soċjeta' intimata b'rabta mal-istess xogħlijiet li saru ġewwa l-Marsa u li dwarhom ma ntlaħaqx ftehim.

34. Jirriżulta illi l-partijiet ilhom snin twal jaħdmu ma' xulxin, fejn is-soċjeta' rikorrenti kienet tagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni b'appalt għan-nom tas-soċjeta' konvenuta f'diversi siti u postijiet ġewwa Malta.

35. Jirriżulta illi l-partijiet kienu ftehmu illi x-xogħlijiet magħmula għandhom jitħallsu skont ir-rata miftehma bejniethom li jinsabu miktuba f'dokument, liema dokument jinsab eżebit bħala Dok C anness mar-rikors promutur (fol 7-9). L-istess dokument jinsab ukoll eżebit bħala Dok SA1 (fol 26-28). Jirriżulta illi dawn ir-rati qatt ma nbidlu tul is-snin u b'hekk il-partijiet dejjem ħadmu b'dawn ir-rati maqbula bejniethom.

36. Jirriżulta illi fir-rendikont ta' pagamenti li juri l-ħlasijiet magħmula mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi b'rabta max-xogħlijiet eżegwiti mis-soċjeta' rikorrenti ġewwa 'Toledo Stables', ġewwa l-Marsa, erronjament il-pagament datat 4 ta' Ġunju 2012 fl-ammont ta' tnax -il elf Ewro (€ 12,000) u dak datat 2 ta' Lulju 2012 fl-ammont ukoll ta' tnax -il elf Ewro (€ 12,000) inkiteb doppjament.

37. Jirriżulta illi x-xogħlijiet imwettqa ġewwa 'Toledo Stables' fi Triq it-Tiġrija, l-Marsa kienu ġew imkejjla mill-Perit Michael Falzon, u l-istess Perit kien ħejja l-kont.

38. Jirriżulta illi kienu saru xi żbalji u l-Perit kien reġa' ħareġ kontijiet ġodda. Il-kont finali li fuqu qablu l-partijiet fil-kawża in deżamina huwa dak eżebit bħala Dok SA3 fol 30 intitolat 'Reconciliation' datat 7 ta' Mejju 2014.

39. Jirriżulta illi għalkemm is-soċjeta' rikorrenti qiegħda tallega illi hija għandha tieħu aktar minn erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000) mingħand is-soċjeta' intimata, hija qiegħda permezz tal-azzjoni odjerna tillimita din il-kawża għas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000).

## Ikkunsidrat

40. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti illi s-soċjeta' attriċi, qiegħda permezz tal-azzjoni preżenti titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma kumplessiva ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) u dana in linea ta' parti minn kuntratt ta' appalt konsistenti prinċiparjament f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni għan-nom u fuq karigu tas-soċjeta' intimata ġewwa 'Toledo Stables' fi Triq it-Tiġrija, l-Marsa, qiegħda titlob ukoll sabiex din il-Qorti tiddikkjara u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€

24,000) lis-soċjeta' rikorrenti u dana flimkien mal-imgħax dekoribbli mid-data tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Novembru 2014 sal-pagament effettiv.

41. Jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta eċċepiet illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, lis-soċjeta' konvenuta m'għandha x'tagħti xejn lis-soċjeta' rikorrenti, li bejn ħlasijiet fi flus u materjal provdut is-soċjeta' konvenuta ħallset lir-rikorrenti aktar mill-prezz finali dovut, illi s-soċjeta' konvenuta kienet ħallset għas-saldu l-prezz dovut għax-xogħlijet imwettqa u eżegwiti mir-rikorrenti u dan skont kontijiet maħruġa mill-Periti inkarigati u bi qbil mas-soċjeta' rikorrenti. In oltre, s-soċjeta' konvenuta eċċepiet illi mhux talli m'għandha tagħti xejn lis-soċjeta' rikorrenti, talli għamlet ħlasijiet żejda li tagħhom qiegħda permezz tar-risposta ġuramentata intavolata minnha tinterpella lir-rikorrenti biex tirrifondi lura, filwaqt illi eċċepiet illi r-rikorrenti għad fadlilha tagħmel xogħlijiet rimedjali f'postijiet fejn għamlet xogħol ħażin jew difettuż.

42. Jirriżulta illi fil-mori tal-kawża s-soċjeta' intimata qajjmet eċċezzjonijiet ulterjuri fejn eċċepiet illi t-talbiet u l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi, kemm kif jirriżultaw fl-att promutur tagħha, kif jirriżultaw fil-kors tal-kawża, huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148 (a), 2149 u 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

## Meritu tal-każ

43. Il-Qorti tqis illi jkun opportun illi qabel ma taghmel l-osservazzjoni tagħha, għandha tirrileva illi, bħala Qorti, hija obbligata sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża mressqa quddiemha billi tħares primarjament lejn ir-rikors promutur tal-attur u t-talbiet tal-istess rikors promutur. Hekk kif kien ġie spjegat sewwa fis-sentenza fl-ismijiet: **Pawla Buttigieg et vs Doreen Portelli et**[1] fejn il-Qorti tenniet is-segwenti*:*

> *"Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, fl-4 ta' Ġunju, 2014, Avviz Numru 16/2014, fl-ismijiet, Joseph Demicoli vs Fix Limited (C-10111), fejn ukoll intqal li n-natura u l-indoli tal-azzjoni, għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri: "Il-Qorti ittenni illi sabiex tiġi ffissata n-natura vera ta` l-azzjoni li tiġi eżerċitata, wieħed irid iħares lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun ġie mitlub fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta.*
>
> *Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet, Mahmoud Chehade, bin-numru tal-Karta tal-Identità mahruga mill-United Nations Relief and Work Agency for Palestine Refugees in the Near East (UMRWA) 32015404 v. L-Avukat Ġenerali u d-Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, fejn intqal:*
>
> *"18. Meqjus li l-kwistjoni ewlenija li trid tiġi deċiża f'dan l-appell iddur madwar l-għerq tal-azzjoni tal-attur, il-Qorti titlaq billi tosserva li dak li jgħodd fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, mhuwiex tant it-tifsiriet jew inkella l-bixra li l-partijiet, tajjeb jew ħazin, jippruvaw jagħtu lill-kawża (ara f'dan is-sens Carmel sive Charles Caruana et v. Onor Prim Ministru Dr. Robert Abela*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2024- Rik. Ġur. Numru 16/2004

*bħala l-Kap tal-Gvern Malti et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 2024).*

*19. Minflok, dak li tassew iħoll u jorbot kollox huwa dak li jitniżżel mill-attur fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża (ara Edward Keninwenimo Etete v. Mediatoday Company Limited, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Tassew, ingħad ħafna drabi, li huwa biss dak li jitniżżel fir-rikors maħluf li għandu jistabbilixxi l-qafas li fih il-Qorti għandha tħaddem il-ġudizzju tagħha (ara Anthony Busuttil et v. Jennifer sive Wendy Busuttil et, mogħija mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Jannar, 2024).*

*20. Huma għalhekk il-premessi u t-talbiet li jikxfu l-għan u l-oġġett tal-kawża, li minnhom imbagħad tkun tista' tinstilet in-natura vera tal-azzjoni tal-attur (ara Vincent Ciappara et v. Nazzareno sive Reno Bartolo et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023).*

*21. Ta' min jgħid li dan kollu huwa konsegwenza tal-fatt, li fis-sistema legali tagħna, huwa mħolli għal kollox f'idejn il-parti attriċi li tagħżel ix-xorta ta' azzjoni li jidhrilha li għandha tressaq sabiex tħares il-jeddijiet li tippretendi li jkollha (ara Adrian Theuma v. RLR Limited, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024). Mhuwiex għalhekk fil-kompitu tal-parti konvenuta li tipprova tiddetta x'tip ta' azzjoni kellu jniedi l-attur (ara Johanna Abela v. HSBC Bank Malta plc mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024).*

*22. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti sejra tkun qiegħda għalhekk titlaq billi qabel xejn tixħet ħarsitha fuq dak li tniżżel mill-attur appellant fir-rikors maħluf li bih huwa beda din il-kawża."*

44. L-istess intqal fil-kawża fl-ismijiet ***Elmein Limited vs Paparukei Catering Limited***[2] fejn il-Qorti għamlet referenza għall- ġurisprudenza nostrana u tenniet is-segwenti:

*"Hekk kif ingħad fis-sentenza 'Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi' (deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imħallef Philip Sciberras fil-31 ta' Jannar 2003):*

*"Huwa prinċipju ġenerali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proċeduri. Il-'kawża' ta' domanda hija r-raġuni ġuridika tagħha, ossija l-fundamentum aġenda tagħha (Vol. XI p 401). Din il-kawża, li hija l-oriġini tad-domanda, tiddistingwi ruħha mill-oġġett taċ-ċitazzjoni, li huwa "cio` che e` attualmente domandato" (Vol. X p 926).*

*Illi hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet 'Manuel Schembri vs France Cutajar' (Cit Nru: 479/95RCP deċiża fit-30 ta' Jannar, 2001):*

*"huwa prinċipju stabbilit illi t-tifsir ċar u sewwa tal-oġġett tal-kawża u tat-talbiet skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 156 tal-Kap 12 għandhom jirriżultaw mill-istess att taċ-ċitazzjoni nnifsu u mhux minn "xi kjarifika li*

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Frar 2015- Avviż numru: 333/2014

*tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni" (Raymond Bezzina vs Anthony Galea deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Marzu 1998).*

*Dik il-Qorti kompliet:*

*'Illi dan l-eżerċizzju għandu wkoll jiġi eżaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati tagħna illi "il-formaliżmu esagerat ukoll ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat li bir-raġun, il-liġi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh (Charles Fino vs Alfred Fabbri noe - A.C. 28 ta' Frar 1997; Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et - P.A. (R.C.P.) 28 ta' Ottubru 1998; Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar - A.C. 31 ta' Mejju 1996).*

*Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bażi ta' dak li ntqal fis-sentenza 'Michael Attard nomine vs Raymond Galea' (A.C. 12 ta' Mejju 1998) dwar il-fatt li l-kawżali ta' ċitazzjoni trid tkun ċara, distinta u msejsa fuq xi disposizzjoni ta' ligi u mhux tkun talba bla raġuni legali. Illi l-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 ma jittollerax konfużjoni fit-talba f'ċitazzjoni, billi dan la jkun ġust mal-kontro-parti li trid tkun f'qagħda li tiddefendi ruħha, u di piu' tpoġġi lill-ġudikant f'sitwazzjoni ta' inċertezza dwar l-indoli veru tal-proċedura li jrid jiddeċiedi dwarha. Dan huwa konfermat bis-sentenza 'Joseph Tabone vs Joseph Flavia' (A.C. 7 ta' Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn ingħad li huwa dejjem necessarju li c-ċitazzjoni għandu jkollha tifsira ċara tal-oġġett u r-raġuni tat-talba u "dan huwa dejjem neċessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b'ċertezza dak li għandu jiddefendi ruħu minnu."*

45. Din il-Qorti ħasset illi kellha tagħmel tali osservazzjoni u kjarifika peress illi, fil-kawża in deżamina, jidher ċar li l-Qorti ġiet mitluba, permezz tat-talba kontenuta fir-rikors ġuramentat, sabiex tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija responsabbli u konsegwentament tiġi kkundannata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma kumplessiva ta' <u>erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000).</u>

46. Dana qiegħed jingħad peress illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi, kemm mill-premessi kif ukoll tul il-kawża, ġie rilevat mis-soċjeta' rikorrenti illi hija għandha tieħu mingħand is-soċjeta' intimata ċifra akbar. Infatti, fl-affidavit ta' Alexander Abela, bħala rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti) (fol 24-25) ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2015 huwa jgħid is-segwenti:

*"Ngħid illi barra s-somma ta' erba u għoxrin elf ewro €24,000) li qiegħed nitlob f'dina l-kawża għandi nitħallas ammonti oħra sostanzjali fuq kontijiet li ma nħadmux korrettament fuq r-rati miftiehma bejnietna.......jiena niddikjara illi l-kumpanija tiegħi tħallset biss s-somma ta' Euro 326,500 u għalhekk il-bilanċ dovut illum lill-kumpanija tiegħi mis-soċjeta' intimata fuq ix-xogħlijiet tal-Marsa jammontaw għal Ewro 62,656,91. Għandi ngħid dina l-kawża qiegħda ssir biss limitatament għas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (Euro €24,000) dana in lenia ta' parti mill-ammonti dovuti lill-kumpanija tiegħi għax-xogħlijiet esegwiti u dana bla preġudizzju li l-kumpanija tiegħi titlob ukoll ġudizzjarjament l-ħlas tad-differenza dovuta".*

47. Illi l-Qorti ttenni illi hija marbuta b'dak mitlub fit-talba u b'hekk il-kawża odjerna ser tiġi eżaminata **<u>biss</u>** minn din l-ottika u ċioe', jekk is-soċjeta' intimata għandhiex tiġi kkundanata tħallas l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) pretiżi mir-rikorrenti.

## Ikkunsidrat

48. Illi l-Qorti tirrileva illi tul il-kawża ġew preżentati diversi kontijiet u dokumenti oħra li juru ħafna figuri differenti, kif ukoll issemmew diversi aspetti oħra bħal kwistjoni tal-konkos. Madanakollu, kif ġia fuq rilevat, il-Qorti tqis illi in linea ma' dak mitlub mis-soċjeta' rikorrenti, hija trid tistħarreġ jekk l-ammont hawn fuq imsemmi, ossia, dak ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) huwiex dovut jew le.

49. Illi referenza ser issir għal Dok B anness mar-rikors promutur (fol 6)[3], liema dokument fih lista ta' *'payments on account'* illi saru lil Sander Abela (għan-nom tar-rikorrenti) għax-xogħol illi sar ġewwa l-Marsa. Illi meta wieħed iħares lejn dan id-dokument, jidher ċar illi d-data tal-4 ta' Ġunju 2012 (Rec. 1279) fl-ammont ta' tnax -il elf Ewro (€ 12,000) u d-data tat-2 ta' Lulju 2012 (Rec. 1289) fl-ammont ukoll ta' tnax -il elf Ewro (€ 12,000) inkitbu darbtejn.

50. Fix-xhieda tagħha tat-3 ta' Marzu 2016, Redina Abela, li hija l-persuna li kienet tieħu ħsieb il-konteġġi għas-soċjeta' intimata, fir-rigward tal-entrata doppja li saret fl-4 ta' Ġunju 2012 u fit-2 ta' Lulju 2012 tgħid hekk:

> *"Jiena naħdem fl-uffiċċju tas-soċjetà intimata. Xogħli hu li nieħu ħsieb il-konteġġi tal-istess u niġbor xi flejjes. Sander Abela naf min hu għax kien jagħmel xogħol ta` kostruzzjoni. Lil Sander Abela li qed nagħraf preżenti fl-Awla in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti nafu għaliex konna nagħmlu xi xogħol flimkien. Sander kien ħadem l-aħħar il-Marsa fil-post magħruf aħjar bħala 'Toledo Stables'. Dak iż-żmien jien kont għadni mpjegata mas-soċjetà intimata. Il-pagamenti ġieli għamlithom jiena u ġieli għamilhom ħaddieħor fl-uffiċċju. Il-pagamenti ġieli saru permezz taċ-ċekkijiet u ġieli saru fi flus kontanti. Jiena qed nara fol 29 tal-proċess u ninforma lil Qorti li l-kalligrafija hija tiegħi. Dawn juru ħlasijiet li saru fuq ix-xogħol. Mitluba nara d-dati fuq l-istess fol 29 u jekk hemmx xi dati li huma dduplikati ngħid illi d-dati fuq din il-fotokopja ma tantx jidhru sew. Fuq dan id-dokument jidhru li hemm xi dati dduplikati kont għaddejtu lil Sander biex nagħmlu l-konteġġi, ġbart il-ħlasijiet li kienu saru kollha u meta ġibduli l-attenzjoni li kien hemm dati dduplikati jiena aċċetajt li kien hemm żball....... Is-Soċjetà rikorrenti ma daħlitx fih dan il-ftehim. Fil-fatt rigward id-diskrepanzi li ġew riskontrati a fol 29 tal-proċess ngħid illi kienet ġibditli l-attenzjoni għalihom Mary Grace il-mara ta` Sander Abela f`Settembru, elfejn u erbatax (2014). Peress li kont imsiefra ma stajtx imwieġba mill-ewwel u reġgħet kitbitli. Irrispondejtha fit-tieni ittra li bagħtet u għidtilha li meta riedu setgħu jiltaqgħu miegħi u niċċaraw l-affarijiet fil-fatt hekk gara. Wara kien ġie Sander l-uffiċċju, għidtlu li dan kien żball ġenwin u rranġajna. Nikkonferma li aħna konna ġa ħadna passi fir-rigward u fil-kont finali m`għadhomx jidhru dduplikati. Sa fejn naf jien il-kont finali ġie ssettiljat ukoll. L-ammont finali li nħadem jien*

[3] L-istess dokument jinsab ukoll eżebit bħala Dok SA2 (fol 29), eżebit ukoll bħala Dok MA2 (fol 148) u eżebit bħala Dok MA1 (fol 358).

*ma nafux bl-amment. Apparti l-pagament illi jidher a fol 29 tal-proċess hemm ħafna aktar pagamenti oħra involuti"* (fol 134-135).

51. Illi l-Qorti tosserva illi fl-affidavit addizzjonali ta' Sander Abela, ppreżentat fid-29 ta' Marzu 2019 (fol 356-357) huwa jerġa' jtenni kif il-kawża nfetħet limitatament għall-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) allavolja huwa jsostni li għandu jieħu aktar:

*"Ngħid illi s-soċjeta' Lay Lay Company Limited jifdal tħallasni s-somma bilanċjali ta' Euro 37,392,04. Minkejja dan jiena għalissa ftaħt il-kawża limitatament għas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000).*

.....

*Hawn taħt ser nispjega jew aħjar nuri għaliex jiena filfatt għad jonqosni nieħu s-somma bilanċjali ta' Euro 37,392,04, u dana għalkemm jiena għamilt l-kawża biss limitatament għas-somma ta' Euro 24,000".*

52. Illi imbagħad Sander Abela, f'dan l-affidavit, jgħaddi sabiex juri kif wasal għaċ-ċifra ta' Ewro 37,392,04. Il-Qorti tinnota illi hawnhekk hawn differenza bejn l-ewwel affidavit ta' Alexander Abela u dak addizzjonali. Dan għaliex, filwaqt illi fiż-żewġ affidavits tiegħu huwa jispjega li illimta din il-kawża għas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000), fl-ewwel affidavit isostni li s-soċjeta' intimata għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi somma ta' Ewro 62,656,91: "*għalhekk il-bilanċ dovut illum lill-kumpanija tiegħi mis-soċjeta' ntimata fuq ix-xogħlijiet tal-Marsa jammontaw għal Ewro 62,656,91*(fol 25), fit-tieni affidavit huwa jgħid illi l-ammont dovut b'kollox huwa € 37,392.04, kif kwotat aktar kmieni hawn fuq (fol 357).

53. Il-Qorti tinnota li avolja tul il-kawża s-soċjeta' attriċi tispjega illi l-proċedura odjerna saret għas-somma ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000), qatt ma jiġi spjegat mill-istess rikorrenti, la fir-rikors promutur u lanqas tul il-kawża, din is-somma speċifika, x'tirrappreżenta eżattament. Infatti, meta wieħed iħares lejn ir-rikors promutur, l-ammont allegatament dovut huwa spjegat illi huwa "*nkonnessjoni ma' tali xogħlijiet esegwiti fil-Marsa"* u *"in lenia* (sic) *ta' parti minn kuntratt ta' appalt konsistenti prinċiparjament f'xogħolijiet ta' kostruzzjoni esegwiti għall-benefiċċju tas-soċjeta' ntimata u fuq inkarigu stess ġewwa 'Toledo Stables', Triq it-Tiġrija, l-Marsa".* Illi in oltre, jiġi rilevat illi matul il-kawża, s-soċjeta' rikorrenti la ppreżentat dokument u lanqas ma spjegat kif wasslet għal din iċ-ċifra u/jew din iċ-ċifra għal xiex tirreferi. Huwa minnu, li skont is-soċjeta' attriċi din is-somma hija dovuta lilha għal xogħol imwettaq minnha ġewwa 'Toledo Stables', Triq it-Tiġrija, l-Marsa, madanakollu l-istess rikorrenti tispjega u semmi diversi ċifri oħra mingħajr ma speċifikament tipprovdi kif dawn l-erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) huma dovuti u kif wasslet għal tali ċifra.

54. Jiġi osservat illi allavolja r-rikorrenti tul il-kawża semmiet u produċiet *"workings"* li juri ammont differenti minn dak pretiż fir-rikors promutur tagħha, hija naqqset milli tagħmel talba addizzjonali u għalhekk mill-assjem tal-provi prodotti, jidher ċar illi fil-bidu l-bażi ta' din l-azzjoni u tal-proċeduri odjerni kienu msejsa fuq il-fatt illi s-soċjeta' intimata kienet fuq id-dokument intitolat *"Payments on a/c"* niżżlet żewġ pagamenti doppji.

55. Dan jiġi spjegat minn Alexander Abela stess, fl-ewwel affidavit tiegħu fejn jgħid:

> "*In konessjoni ma' dawn ix-xogħlijiet fil-Marsa, l-kumpanija tiegħi tħallset Euro 326,500 u dana kif muri fl-anness rendikont ippreparat minn Redina Abela għan-nom tas-soċjeta' intimta (Dok SA2). Fil-fatt irrid ngħid illi r-rendikont maħdum minn Redina Abela juri erronjament li fl-4 ta' Ġunju 2012 tħallasna żewġ pagamenti ta' Euro 12,000 l-wieħed u li fit-2 ta' Lulju 2012 tħallasna żewġ pagamenti ta' Euro 12,000 l-wieħed. Dan mhux minnu iżda l-kumpanija tiegħi tħallset biss pagament wieħed ta' Euro 12,000 fl-4 ta' Ġunju 2012 u pagament ieħor fit-2 ta' Lulju 2012"* (fol 24).

56. Illi s-soċjeta' rikorrenti, fl-istadju ta' provi tagħhom, ipproduċiet bħala xhud lil Redina Abela, l-awtriċi tad-dokument intitolat *"Payments on a/c"* u meta ġiet mistoqsija fuq dan il-fatt, hija, kif diġà riportat hawn fuq, mill-ewwel tispjega li dan kien żball, u li kienet mart Alexander Abela illi ġibditilha l-attenzjoni. Hija ssostni wkoll illi dan l-iżball kien irranġat u fil-kont finali dawn il-ħlasijiet ma jidhrux duplikati.

57. Il-Qorti tinnota illi kemm mix-xhieda ta' Redina Abela mogħtija minnha fit-3 ta' Marzu 2016 kif ukoll mix-xhieda in eżami ta' Michael Axisa (rappreżentant tas-soċjeta' intimata), s-soċjeta' intimata ma tinnegax li bi żball ġie mniżżel doppjament pagament ta' tnax -il elf Ewro (€ 12,000) fl-4 ta' Ġunju 2012 u fit-2 ta' Lulju 2012. Anzi l-istess Michael Axisa meta prodott bħala xhud mis-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, jipproduċi huwa stess rendikont irranġat tal-pagamenti mgħoddija lir-rikorrenti a fol 147 u jikkonferma dak affermat mis-soċjeta' attriċi u ċioe' li l-intimata ħallset lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' Ewro 326,500.

58. In oltre, fl-affidavit tiegħu Michael Axisa jafferma s-segwenti:

> *"kont irċevejt ittra uffiċjali datata 18 ta' Novembru 2014 sabiex inħallas lil Malsand Construction Ltd is-somma ta' €120,787. Fis-26 ta' Mejju 2015 ġejt notifikat bil-kawża 453/2015FDP fejn Malsand Construction Ltd kienet qed titlob għall-ħlas ta' € 24,000 li bi żvista kienu tniżżlu darbtejn fil-konteġġi. Dwar dil-kwistjoni pero' Mary Grace Abela kienet diġà' ġibditilna l-attenzjoni, permezz ta' ittra datata 15 ta' Settembru 2014, u min-naħa tagħna, wara li għamilna l-verifiki, sibna li kellha raġun u qtajna waħda mill-e ntries. Dan jirriżulta diga' mix-xhieda ta' Redina Abela, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016 u mid-dokumenti esebiti. Minkejja li konna rrikonoxxejna li bi żball din l-entry kienet duplikata u konna qtajna waħda minnhom, Sander Abela reġa' talabna dan il-ħlas bil-kawża preżenti. Għall-ewwel din il-kawża fuq hekk biss kienet infetħet, iżda meta indunaw li dak l-iżball konna diġà rranġajnih, bdew jipprovaw joħolqu kwistjonijiet ġodda fuq xogħol li kien magħluq u ssetiljat. Intenni u ninsisti li bejnietna jiena u Sander Abela, bil-kumpaniji tagħna, konna għalaqna l-kontijiet u ma għandi nagħti xejn"* (fol 430).

59. Infatti, anness mal-affidavit tiegħu, Michael Axisa, jippreżenta wkoll l-ittra li mart Alexander Abela kienet bagħtet lil Redina Abela, fejn permezz tagħha hija ġibdet l-attenzjoni tas-soċjeta' intimata illi kien sar tali żball. Liema ittra tinsab eżebita fol 431.

60. Illi nonostante l-fatt li l-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti permezz tal-kawża odjerna ġie sempliċement kwalifikat bħala ammont dovut mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' xogħlijiet mwettqu minnha fis-sit 'Toledo Stables' ġewwa l-Marsa u avolja kif ingħad aktar 'l fuq, minn dak prodott fil-kawża, it-talba għall-ħlas ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000), dehret li hija bbażata fuq il-fatt li kienu ġew mniżżla żewġ pagamenti doppji li jammontaw għas-somma kumplessiva ta' € 24,000, konferma ta' dan insibuha fix-xhieda in kontro-eżami ta' Michael Axisa mogħtija fil-25 ta' April 2023.

61. Illi f'din ix-xhieda, d-difensur tas-soċjeta' rikorrenti jgħid is-segwenti:

*Dr Victor Bugeja :*
***Mela din il-kawża propjament qed issir minħabba diskrepanza ta' erbgħa u għoxrin elf (24,000) illi kien hemm fi istatement li għamlet it-tifla tiegħek Redina illi huwa esebit in atti u huwa esebit ukoll anness mal-kawża***[4]*. Jiġifieri meta għamlet l-istatement ...*

*Dr Pawlu Lia :*
*Għamillu d-domanda.*

*Dr Victor Bugeja :*
*Iva minuta ... meta għamlet l-istatement niżżlet l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf (24,000) darbtejn naqblu?*

*Ix-Xhud :*
*Naqblu u dak ...*

*Dr Victor Bugeja :*
*Iva jew le. Taqbel jew ma taqbilx?*

*Ix-Xhud :*
*Le ... le ... żomm ... dak tat spjegazzjoni it-tifla. Naqbel li kien hemm żball għax naf bih u t-tifla ċemplet lis-sinjura ta' Sander għax kienet tieħu ħsieb hi wkoll u ltaqgħu u rranġawh l-iżball. U dak xehdet dwaru t-tifla wkoll.*

*Dr Victor Bugeja :*
*Issa jekk ngħidlek emm ... illi meta ġie rrikonċiljat ... meta tirrikonċilja l-kont finali li ħareġ il ... li ħarġu l-periti u s-surveyors u tara xi tħallas, tqabbel il-kont u tqabbel ukoll xi tħallas issib illi dawk erbgħa u għoxrin elf (24,000) ma tħallsux.*

*Ix-Xhud :*
*Dak tagħtik spjegazzjoni t-tifla mhux jien għax jiena ma ...*

*Dr Victor Bugeja :*
*Iva imma jiena qed ngħidlek ...*

*Ix-Xhud :*

[4] Enfażi u sottolinear ta' din l-Qorti

*Fuq pagamenti … ippermettili …*

*Dr Pawlu Lia :*
*Mela jimporta turih fejn jekk jogħġbok?*

*Ix-Xhud :*
*Ippermettili …*

*Dr Pawlu Lia :*
*Urih fejn la qed tgħidlu.*

*Il-Qorti :*
*Ħa nurikom jien … mela l-iżball huwa dan li kien jidher hawn hekk …*

*Dr Pawlu Lia :*
*U nafu bih.*

*Il-Qorti :*
*U nafu bih … dan huwa l-iżball li hemm f'dan id-dokument jiġifieri hawn hekk jidher li kien tniżżel …*

*Ix-Xhud :*
*Doppju.*

*Il-Qorti :*
*Kien tnizzel twelve thousand (12,000) u twelve thousand (12,000) darbtejn allura ġiet twenty four thousand (24,000) … jiġifieri nifhem jien illi intom fejn hawn hekk kontu qed tgħidu li ħallastu ammont jidher li kontu ħallas twenty four thousand (24,000) …*

*Dr Pawlu Lia:*
*Iddupplikawh.*

*Ix-Xhud :*
*Kienu … kienu …*

*Il-Qorti :*
*Kellkom tħallsu twenty four thousand (24,000) oħra li hawn hekk kienu duplikati.*

*Ix-Xhud :*
*Iva imma mbagħad kienu rawhom l-affarijiet għax dik il-ħabta meta rċevejnihom kienu msefrin u meta ġew lura ltaqgħu u ssettjaw …*

*Il-Qorti :*
*Irranġaw jiġifieri …*

*Ix-Xhud :*
*Dak xehdet dwarhom it-tifla … għax jien ma nistax nirrispondi għall-kitba għax ma naf xejn …*

*Dr Victor Bugeja :*
*Jekk ngħidlek li l-mara ta' Sander qatt ma ltaqghet ma' Redina xi tgħid?*

*Dr Pawlu Lia :*
*Messek tellgħajtha tixhed.*

*Ix-Xhud :*
*Ma nafx ... ma nafx ...*

*Dr Pawlu Lia :*
*Missek tellgħajtha tixhed.*

*Ix-Xhud :*
*Dak issa staqsi lit-tifla mhux lili għax jien ma nafx ...*

*Dr Victor Bugeja :*
*Għalhekk ... mela ma tafx int.*

*Ix-Xhud :*
*Le qed ngħidlek staqsi lit-tifla.*

*Il-Qorti :*
*Ma jafx. Ġia rrispondiek*

(fol 451 et seq - 452 et seq)

............

*Dr Victor Bugeja :*

***Il-kawża għall- erbgħa u għoxrin 24 qed issir imma għandu jtih iktar minn hekk. Dak l-eżerċizzju li għamilna***[5]*"*

(fol 454)

62. Illi t-talba għall-ħlas ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) tas-soċjeta' rikorrenti hija msejsa fuq il-fatt li kien ġie mniżżel mis-soċjeta' intimata li sar ħlas doppju fid-dokument eżebit a fol 6, 29, 148 u 358, tidher ċar u manifest mhux biss mill-kontro-eżami ta' Michael Axisa, kif rapporat hawn fuq, iżda anke min-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess soċjeta' rikorrenti. Illi fl-istess nota ġie mniżżel is-segwenti:

*"Illi dina l-kawża qiegħda ukoll għal kull buon fini tiġi limitata biss fuq is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€ 24,000) li fuq Dok B anness mar-rikors promutur, jidhru li ġew duplikati u allura l-istatement minnu nnifsu jindika ċar li għax-xogħlijiet li kienu saru komparabbli mal-kont finali kif rikonċiljat fis-7 ta' Mejju 2014, kienu tħallsu s-somma ta' erba u għoxrin elf ewro inqas.*

[5] Enfażi u sottolinear ta' din l-Qorti

....

*Illi dan l-imsemmi dokument (Dok B) jikkontendi li s-soċjeta' Lay Lay Company Limited ħallset lis-soċjeta' Malsand Construction Limited is-somma ta' €350,500.*

*Illi madanakollu dan dokument erronjament jindika ħlas repetut kif fuq ingħad, kumplessivament ta' € 24,000 fuq żewġ pagamenti li saru fl-4 ta' Ġunju 2012 u fit-2 ta' Lulju 2012 rispettivament, biż-żewġ ħlasijiet kif ripetuti jindikaw l-irċevuti numru 1279 u 1289 rispettivament.*

*Illi allura huwa evidentissimu li fit-total indikat ta' € 350,500 bħala ħlasijiet akkont fl-imsemmi rendikont, hemm indikat għal darbtejn is-somma ta' € 24,000. Intant illi allura t-total tal-pagamenti akkont fuq ix-xogħlijiet imsemmija kellu jkun ta' € 24,000 anqas u cioe' ta' € 326,500.*

*Illi allura jsegwi li s-soċjeta' rikorrenti fil-fatt irċeviet is-somma ta' € 24,000 anqas minn dak prospettat fl-imsemmi rendikont in konessjoni max-xogħlijiet esegwiti fil-Marsa".*

(fol 460)

63. Il-Qorti tosserva illi mill-provi prodotti, jidher ċar illi fuq id-dokument "*Payments on a/c*", kien ġie mniżżel għal darbtejn li sar ħlas fl-4 ta' Ġunju 2012 u fit-2 ta' Lulju 2012. Dan il-fatt ma ġiex ikkontestat minn naħa tas-soċjeta' intimata, anzi hija stess, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Redina Abela, li hija l-persuna inkarigata mill-konteġġi u l-awtriċi tad-dokument innifsu, tammetti li dan kien żball u tiegħu kienet inġibdet l-attenzjoni mingħand Mary Grace Abela, mart Alexander Abela.

64. Jirrizulta illi s-soċjeta' intimata tinsisti illi dan l-iżball kien ġie rranġat u teżebixxi kont finali li jirrifletti dan kollu a fol 147. In oltre, l-istess soċjeta' intimata taqbel ma' dak sostnut mis-soċjeta' rikorrenti illi hija ħallset lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' Ewro 326,500. Fl-ebda mument tal-kawża ma innegat dan, fl-ebda mument tal-kawża ma qalet li s-somma mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti kienet ta' € 350,500. Infatti, d-dokumenti minnha eżebiti juru dan kollu (vide fol 144 u 147).

65. Relevanti wkoll hija x-xhieda ta' Alexander Abela, mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2017:

*"Mistoqsi jekk niftakarx illi din il-kawża ftaħtha għaliex kelli kont imħallas darbtejn ngħid illi din hija parti mill-problema. Il-kawża m`għamiltiex fuq hekk biss. Mistoqsi jekk għadnix naħseb li l-kont ġie mħallas darbtejn wara li rajt il-kontijiet ngħid le jiena ma ġejtx imħallas darbtejn għad jonqosni nitħallas".*

(fol 239)

66. Illi b'hekk, fl-ottika ta' dak kollu delineat hawn fuq, jidher biċ-ċar illi l-proċedura odjerna kienet ġiet promossa mis-soċjeta' rikorrenti minħabba dak il-pagament doppju li ġie mniżżel fuq id-dokument *"Payments on a/c"*. Madanakollu, kif rriżulta mill-provi

sottomessi, dan l-iżball ġie kkorreġut u kif ammess mill-istess Alexander Abela *"jiena ma ġejtx imħallas darbtejn għad jonqosni nitħallas".*

67. Il-Qorti terġa' għal darb'oħra ttenni li din il-kawża saret speċifikament għall-ħlas ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) minħabba li saret *"double entry"* fid-dokument tar-rendikont tal-pagamenti u mhux minħabba ammonti oħra. B'hekk, din hija l-unika konsiderazzjoni li trid tagħmel il-Qorti fl-analiżi tal-proċedura odjerna.

68. Illi b'hekk il-Qorti tqis, illi s-soċjeta' rikorrenti naqqset milli tipprova lis-soċjeta' intimata għandha tħallasha s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€ 24,000) u b'hekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi ma jistgħux jiġu akkolti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif redatti fir-rikors promutur tagħha;

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**